MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2007

Avviz Numru. 576/2004

**Carmelo sive Charles Ellul Sullivan bhala Direttur ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' J.Cachia Caruana Limited**

**Vs**

**Il-Kontrollur tad-Dwana**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni in esami li biha l-attur nomine wara li ppremetta illi s-socjeta attrici hallset indebitament u taht protesta lill-konvenut is-somma ta' elf disa' mija u tmenin Lira Maltin (Lm1,980) u liema flus kienu pretizi indebitament mill-konvenut bhala depozitu ghall-levy allegatament dovuta fuq l-importazzjoni ta' "Barquette, Sirtaki, Palmito, Trompette, Mikado Biscuits" meta l-istess ma kienux dovuti dan kif jidher mir-ricevuta numru 00611 minnu rilaxxjata fis-17 ta' Novembru 1989 kif jirrizulta minn kopji ta' Dokumenti "A, B, C, u D";

Illi l-konvenut huwa ghalhekk obbligat jirrifondi tali flus lilu mhallsa indebitament kif inghad stante illi dawn ma kienux dovuti bhala imposta skond l-Att ta' l-1989 dwar il-Promozzjoni ta' Prodotti Lokali (Att XXX1 ta' l-1989);

Illi l-konvenut gie inutilment interpellat ihallas tali ammont permezz ta' ittra ufficjali tal-31 ta' Dicembru 1991 u tas-7 ta' Settembru 1992;

Il-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. tikkundannah li jhallas u jirrifondi ghar-ragunijiet premessi lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf disa' mija u tmenin Lira Maltin (Lm1,980) liema flus kienu pretizi indebitament mill-konvenut ghall-levy allegatament dovuta fuq l-importazzjoni u thallsu indebitament mis-socjeta' attrici lill-konvenut.

Bl-imghax min-notifika ta' l-ittra ufficjali tal-31 ta' Dicembru 1991 u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-31 ta' Dicembru 1991 u tas-7 ta' Settembru 1992 u bir-riserva ta' kull azzjoni fil-ligi kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ukoll id-dikjarazzjoni tal-attur nomine guramentata minnu stess (fol 3 tal-atti u li biha espona bil-qima u bil-gurament ikkonferma:-

1. Illi is-socjeta' attrici hallset indebitament u taht protesta lill-konvenut is-somma ta' elf disa' mija u tmenin Lira Maltin (Lm1,980) u liema flus kienu pretizi indebitament mill-konvenut bhala depozitu ghall-levy allegatament dovuta fuq l-importazzjoni ta' "Barquette, Sirtaki, Palmito, Trompette, Mikado Biscuits" meta l-istess ma kienux dovuti dan kif jidher mir-ricevuta numru 00611 minnu rilaxxjata fis-17 ta' Novembru 1989 kif jirrizulta minn kopji ta' Dokumenti "A, B, C u D";
2. Illi l-konvenut huwa ghalhekk obbligat jirrifondi tali flus lilu mhallsa indebitament kif inghad stante illi dawn ma

kienux dovuti bhala imposta skond l-Att ta' l-1989 dwar il-Promozzjoni ta' Prodotti Lokali (Att XX1 ta' l-1989);
3. Ili l-konvenut gie inutilment interpellat ihallas tali ammont permezz ta' ittra ufficjali tal-31 ta' Dicembru 1991 u tas-7 ta' Settembru 1992, u ghalhekk kellha ssir il-kawza.

Rat ukoll l-elenku tax-xhieda anness mal-istess dikjarazzjoni (fol 4 sa fol 7 tal-istess atti).

Rat id-dokumenti annessi mal-atti a fol 8 sa fol 11 ibid).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 15 ibid) u li biha espona bir-rispett:-

1. Illi l-azzjoni hi preskritta a terminu tal-Att ta' l-1989 dwar il-Promozzjonita' Prodotti Lokali (Kap. 336), artikolu 8(2).
2. Illi fi kwalunkwe kaz hemm karenza ta' interess guridiku stante li l-flus li hallsu bhala levy gew migburin mill-grossisti, bejjiegha bl-imnut u klijenti ohra taghha stess li hallsu mhux biss ghall-levy lill-atturi stess, izda l-istess atturi hadu wkoll percentagg ta' qliegh fuq dan l-istess hlas ta' levy.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-istess konvenut (fol 15 ibid) u li biha espona bir-rispett u bil-gurament ikkonferma:-

1. Illi l-azzjoni hi preskritta bi zmien ta' sentejn, terminu li fiha seta' l-attur noe jitlob ir-rifuzjoni.
2. Illi stante ma ghamilhiex fi zmien sentejn mill-hlas tal-levy, din illum preskritta.
3. Illi l-atturi diga' gabbru l-hlas li huma ghamlu bhala levy, mill-klijenti taghhom, kif ukoll percentagg ta' qliegh fuq l-istess.
4. Ghaldaqstant ma tistax tigi milqugha t-talba attrici.

Rat il-lista tax-xhieda annessa mal-istess dikjarazzjoni (fol 16 ibid).

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment is-sentenza preliminari (fol 52 ibid) moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Ottubru 1996 dak verbalizzat a fol 56 ibid kif ukoll il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Ottubru 1997 a fol 59 ibid kif ukoll il-verbal a fol 85 et seq ibid.

Rat in-nota tal-konvenut (a fol 77 A tal-atti) kif ukoll id-digriet a fol 79 ibid moghti fid-19 ta' Ottubru 2004 u li permezz taghhom gie ordnat li din il-kawza tigi deciza mill-Qorti tal-Magistrati skond l-artikolu 34 tal-Att IX tal-2004.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet sottomessa mill-attur nomine u li tinsab a fol 187 et seq ibid.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi kif risultanti mill-verbal a fol 59 u fol 60 tal-atti, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili kienet laqghet talba maghmula mill-konvenut sabiex din il-kawza tigi differita fit-tul peress li "… f'kawzi simili ghal dak tallum, hu (il-konvenut) kien ser jappella minn decisjoni ta' din il-Qorti fuq eccezzjoni identika …". Difatti kif jidher mid-diversi verbali in atti, kemm il-Prim Awla tal-Qorti Civili kemm din il-Qorti, kienet iddifferiet din il-kawza sakemm jigi deciz l-Appell li ghadu kemm issemma'.

Illi, kif jidher a fol 87 sa fol 99 tal-atti, l-imsemmi appell kien gie deciz fid-9 ta' Gunju 2005 (appell civili numru 418/1993/1) u dan fil-kawza fl-ismijiet Carmelo sive Charles Ellul Sulivan nomine vs Il-Kontrollur tad-Dwana.

Illi, f'din is-sentenza, il-Qorti tal-Appell kienet iddecidiet illi l-eccezzjoni ta' karenza ta' interess legali ossija guridiku sottomessa mill-konvenut kellha tigi akkolta u b'hekk giet respinta t-talba attrici. Din il-Qorti studjat u analizzat din is-sentenza u rat li, kif risultanti mic-citazzjoni in esami u mill-eccezzjoni enumerata bin-numru tnejn (2), il-meritu ta' din il-kawza u ta' dik deciza finalment mill-Qorti tal-Appell huma identici. Difatti fiz-zewg kazijiet jidher li l-fatti inesami huma identici fis-sens illi fiz-zewg kazijiet trattasi ta' importazzjoni ta' oggetti tal-ikel da parti tal-attur

nomine li kien hallas "levy". L-istess attur nomine talab fiz-zewg kazijiet, ir-refusjoni tal-istess "levy" imhallsa peress Ii hu jsostni li ma kienetx dovuta fuq l-oggetti importati. Jidher,ukoll, illi fiz-zewg kazijiet il-merkanzija kollha importata kienet giet mibjugha (ara il-verbal a fol 56 tal-atti li, pero' minn certi aspetti ma tantx jidher li hu car gew decifrabbli). Filfatt il-Qorti tal-Appell, dwar dan il-fatt qalet (ara fol 99 ibid) illi l-attur nomine "… gabar il-flus li qieghed jirreklama meta biegh il-merkanzija fis-suq "Ghalhekk "jekk it-talba (tal-attur nomine) tigi milqugha, jkun iffisser li huwa jkun qieghed jerga' jigbor hlas li diga gabar minghand haddiehor" ossija "… minn sorsi ohra" (ara l-istess fol 99 ibid). Difatti fin-nota tal-osservazzjonijiet sottomessa mill-istess attur nomine qal "ma huwiex kontestat illi filfatt is-socjeta attrici rnexxilha tbiegh il-prodott kollu u anke rkuprat l-ispejjes taghha inklusi dawk biex il-prodott jigi rilaxxat".

Minhabba dan il-fatt, jidher illi, anke f'dan il-kaz, l-attur nomine hu nieqes minn wiehed mill-elementi kostituttivi tal-interess guridiku cjoe <u>l-attwalita</u>.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, stabbiliti dawn il-punti fiz-zewg kazijiet, jidher li anke f'dan il-kaz, l-attur nomine hu nieqes minn interess guridiku. Hawnhekk il-Qorti tara li ghandu jinghad "obiter" illi l-interess guridiku f'dan il-kaz jidher li hu vestit filfatt fil-konsumaturi li xtraw dawn il-prodotti bi prezz aktar gholi sabiex l-attur nomine jkun jista' jithallas minghandhom, "il-levy" in esami.

Ikkunsidrat

Illi, dan premess, u tenut kont li l-ewwel (1) eccezzjoni di gja giet deciza, finalment, jidher car li ghandha tigi akkolta it-tieni (2) eccezzjoni billi jigi dikjarat illi l-attur nomine hu karenti minn interess guridiku f'dan il-kaz.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad it-talba attrici bl-ispejjes jithallsu mill-istess attur nomine.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------